# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**L-Ewwel Sena** **Dicembru 1931** **No. 10**

Stampât fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTUR: ĠUŻÈ BONNICI, B.SC., M.D.

DICEMBRU 1931] L-EWWEL SENA [Nru 10

## IL-PRESIDENT IL-ĠDID

*(Diskors li għamel il-Prof. P.P. Saydon, D.D. fl-ewwel laqgħa li għamlet l-Għaqda tal-Malti taħtu.)*

Żgħażagħ u Ħbieb,

b'żewġ kelmiet li jiġbu fihom l-isbaħ żewġ ħwejjeġ li għandu l-bniedem — ħajja u mħabba — iusellmilcom l-ewwel tislima;

żgħażagħ li tħossu l ħajja fl-aħjar tagħha, fil-milja tagħha tfawwar ġewwa fikom u trid tinfexx il-barra, fil-beraħ, fil-wisa', f'wisa' kbir u bla tarf;

ħbieb li għandkom il-koll ħsieb wieħed, fehma waħda, qalb waħda, qalb mixgħula b'imħabba sħiħa u safja lejn il-lsien Malti;

aħna ltqajna l-lum bħalma ltqajna l-bieraħ u bħalma għad niltaqgħu għada, biex marbutin flimkien għaqda waħda naħdmu biex inkabbru, insebbħu u nxerrdu l-kitba maltija, biex nuru mħabbitna lejn il-Malti u niġbdu lejh qlub l-oħrajn. Il-Malti nħobbuh u ngħożżuh, bħalma iben iħobb l'ommu u bħalma omm tħobb lil binha l-waħdieni. Inħobbuh u rriduh maħbub minn kullħadd. Jekk jarawh fqajjar, nuru ġmielu; jekk jaħsbuh dgħajjef, nuru l-qawwa tiegħu, u hekk qajl qajl inressqu lejh dawk li qabel kienu jistkerruh.

Iżda l-Għaqda tagħna għadha żgħira u mdawwra bi bruda u bi tfixkil. Biex tikber jeħtiġilha qawwa u qawwa kbira, li ħadd ħliefkom iż-żgħażagħ ma jista' jati-

hielha. Qatt l-ebda ħaġa ma sfat fix-xejn li kienet ġejja miż-żgħażagħ. Għalhekk atuha lill-Għaqda tagħna l-qawwa ta' żogħżitkom bħalma tajtuha l-ħeġġa ta' mħabbitkom. Żommu dejjem sħiħ. Ħadd ma jagħwikom, ħadd ma jqarraq bikom, ħadd ma jberred il-ħeġġa ta' qalbkom, ħadd ma jdennes is-safa ta' mħabbitkom. Marbutin flimkien nimxu dejjem għalenija, nimxu u nikbru, nikbru u nissaħħu, nissaħħu u nirbħu.

# QAWMIEN GĦALL-ĦAJJA

*(Imsemmija b'tifħir fil-Konkors tan-Novelli.)*

Qam, ħares ma' dwaru u ħass fih xi ħaġa li qanqlitu; ħass ferħ li qatt ma kien ġarrab; u wara żmsen li fih kien qiesu mibluh, donnu jistenna xi ħaġa, intebaħ li dak il-ħin kienu nfetħu għajnejh għal bosta ħwejjeġ li qatt ma kien ra, u għall-ewwel darba ħass li qiegħed igħix.

Il-ġmiel ta' fil-għodu laqtu b'mod ġdid, ħelu u tal-għaġeb; fix-xemx għadha tielgħa, fil-lwien tal-ward, fil-għana tal-għasafar, ra u sama' ħwejjeġ ġodda li mlewħ bil-hena; donnhom riedu jgħidulu li dak il-ġmiel kien għalih, kien tiegħu; li kienu hekk sbieħ għax kienu magħmula għalih, biex igawdihom. U, msaħħar, mimli bil-ħsieb li qatt ma kien żaru, qagħad iħares, mistagħġeb, ferħan bil-ferħ tiegħu n-nifsu.

Qabel kien ħieni mingħajr ma jaf il-għaliex, l-anqas kien jaf meta kien hieni; ma kellux dwejjaq, jew jekk kellu kienu żgħar, ħfief, li jgħaddu u jintsew malajr; ma kenux iħallu l-anqas tifkira; imma issa ntebah li kif il-ferħ kien akbar, hekk id-dwejjaq meta jiġu, ikunu aktar kbar u jħallu imrar, għax issa sar jifhem u jħoss wisq iżjed, u dak li jgħaddi minnu ma jintesix malajr. U għalhekk beża' li jitlef dak il-ferħ bil-kemm misjub, li ma jilħaqx igawdi dak li kien imħejji għalih, għax deherlu li għajjun tal-hena bla tarf kienu miftuħa għalih.

U ried jaf. Ried jaf għaliex ħafna bnedmin ma kenux ħienja bħalu, bħall-ħlejjaq l-oħra, għaliex ma kinux jixxebbgħu bit-tgawdija li kullħadd jista' jieħu sehem minnha. Ried jaf jekk il-bnedmin kinux iħossu bħalu, għax ħadd ma kien qallu bit-tibdila li għad tiġri fih, mingħajr ma jkun jaf sew kif u meta, bħalma kienu qalulu bi ħwejjeġ oħra; u ftakar kif minn ftit żmien qabel kien iħossu qiegħed jistenna xi ħaġa; ma satax jifhem bosta xorti.... u issa fehem! Iżda le kollox. Ried jaf elf ħaġa, għaraf kemm ma kien jaf xejn, ħdejn dak li sata' jkun jaf, u beża' li ma jkollux żmien ikun jaf kemm xtaq; u hu li ma satax ifisser x'kien qiegħed iħoss, tħawwad xi ftit meta sab ruħu jixennaq għall-għerf; iżda xi ħaġa baqgħet tferrħu u ttennilu li t-tgawdija tal-għixien kienet akbar minn kollox.

Hekk ħass ruħu mimli bil-hena li deherlu li ma kienx biż-żejjed biex iġarrabha; stħajjel li mkien ma kien jesgħu; sab ruħu miġbud lejn il-kobor, il-beraħ; ma satax isofri tfixkil, u kien jerħilha waħdu, għal żmien twil il-bogħod minnies, biex ma jkollux ebda rażan għall-ferħ tiegħu.

Imbagħad deherlu li jkun aħjar jekk kullħadd iħoss bħalu, u jgawdi miegħu, u xtaq jagħmel lil kullħadd ferħan; beda jsaqsi u jkellem lill-oħrajn.

Ma fehmuhx—ix-xjuħ ma tawx kas tiegħu, jew bit-twissijiet li ma jgħoddux għaż-żgħażagħ berdulu l-ferħ tiegħu; il-kbar ma tawx widen u bil-kemm ma qalulux iħallih mill-ħmerijiet; sħabu jew daħku bih, jew ma fehmuhx; u hu għall-ewwel stagħġeb, imbagħad ġietu dieqa kbira, għax sab ruħu waħdu mingħajr ruħ li tifraħ miegħu.

Hu li ħaseb li sejjer iġiegħel lil kullħadd igawdi, sab ruħu waħdu u mnikket, jaħseb li tant ħwejjeġ sbieħ qegħdin jistennew min jitgħaxxaq bihom u ħadd ma kien jarahom; u hu, li kien jaf bihom ma sata' jurihom lil ħadd; u xtaq li għall-inqas qalb waħda tkun trid tfarrġu, u tarġa' tatih il-ferħ li ħass meta qam għall-ħajja.

SISYPHUS (MARY CARUANA).

## TIDĦAK!!!

*Lil....wieħed.*

Tidħak bla bżonn, għax għandek snienek bojjod
  Li donnhom alabastru taħt il-qroll;
  U ngħidlek li tassew ma fihomx nikta;
  La mferrqa, la marsusa; sbieħ il-koll.
Iżda għidli: fadallek xi tifkira
  Li darba f'nofs-in-nhar (kien il-ħarifa)
  Iltqajna it-tnejn bla snien għand E. Lapira?

DUN KARM

# TFAJLA TAL-LUM

*(Imsemmija b'tifħir fil-Konors tan-Novelli)*

Is-sħana bdiet taħkem sewwa, u n-nies kollha bdew jonfħu għax ma jifilħux iżjed. Fuq kollox beda l-għawm.

Għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, ix-xtajta tkun mimlija żgħażagħ: min tiela', min nieżel, min jilgħab bil-ballun, min ifittex xi post għoli biex minn fuqu jaqbeż, u fuq kollox kullħadd daħkani. Ma' dawn iż-żgħażagħ nilmħu ġuvni ta' xi ħmistax-il-sena, fuq ruħu għall-aħħar, smajjar, sidru wiesgħa, għajnejh żewġ kwiekeb, dirgħajh bħal tal-ħadid. Kien maħbub minn ħbiebu kollha u kienu jsejħulu Karlu.

Darba waħda waqt li kien qiegħed jitbaħbaħ, ra tfajla li għalkemm kienet tmur hemm ta' kulljum, qatt ma ta kas tagħha. Għoġbitu taf, u iżjed mill-oħrajn kollha li kien kellem qabel għax kien fiha tfajla: ftit twila, xgħarha mqasqas kemm igħatti widnejha, għajnejn suwed, u xuftejha qieshom tal-qroll. Ma kenitx tfajla għalih, għax beda jaqbeż, jogħdos, jati majnati lil sħabu biex forsi tħares lejh; u hi lemħitu jitbellaħ, tbissmet ukoll, imma kieku ma riditx tħallih jaraha, għalkemm qalbha ta' żagħżugħa li hi bdiet tħabbat.

Waqt li kienet fil-baħar, Karlu ma qalax għajnejh minn fuqha, u għal ftit ma bediex igħir għal mewġ li kien jitbewwes ma' wiċċha. Għaddiet xi siegħa, telgħet mill-baħar, u dritt warajha tala' Karlu. Kif kienet sejra d-dar il-ġuvnott tagħna waqqafha, u għal dawk l-erba' kelmiet li min jaf kemm drabi kien qalhom lil tfajliet oħra, kull darba minn għalih li dik se'r jibqa' magħha għal dejjem. Ma stenniex wisq għax Marie, la tridu tafu x'jisimha, kienet ħafifa fit-tweġiba ħelwa tagħha.

Karlu u Marie bdew jiltaqgħu ta' kulljum ħdejn il-baħar, u xi drabi kienu jibqgħu flimkien sa kemm jidlam, taħt id-dawl ħelu tal-qamar, kliemhom miksur mill-ħoss tal-mewġa li taħbat mal-blat; xi drabi oħra kienu jgħaddu minn trieq ħiemda. Tassew fihom x'tara: hu ħelu minn naħa, hi sabiħa mill-oħra, kienu fi ftit kliem żewġ bnedmin għal xulxin. Kull-ħadd iħares lejhom: xi xieħ jiftakar f'żgħożitu, xi missier jiftaħ għajnejh għal uliedu, u xi żagħżugħ jew żagħżugħa jgħir għal xortihom.

Damu sejrin hekk is-sajf kollu, jinħabbu bla ebda ħsieb ta' xejn, bħalma l-għasafar jinħabbu fuq xi siġra. Imma mad-dħul tax-xitwa t-tfajla bdiet tibred, ma baqgħetx tmur tiltaqa' ma' Karlu ta' kulljum bħal qabel, u meta tmur ma toqgħodx wisq għax kienet tgħid li tad-dar joqogħdu jsaqsuha fejn kienet u għaliex damet. Kliemha ma għadux dak ta' qabel, ma għadx hemm dik il-ħlewwa fi lsienha, dik il-ħarsa minn

taħt li taqsam il-qalb ta' min iħobb. L-iżjed li kienet tinġibed meta Karlu kien jibda biex isemmilha xi ħaġa fuk l-iskola jew fuq l-istudju. Karlu staqsiha ħafna drabi x'qiegħed ikollha, u hi kienet twieġbu ħafif ħafif: " Ma nafx ".

Darba kellhom jiltaqgħu l-Barrakka ta' fuq. Karlu kien hemm fil-ħin, imma Marie ma dehritx. Għaddiet kwarta għalxejn, għaddiet nofs siegħa u Marie għadha ma ġietx; fl-aħħar Karlu ddejjaq u telaq il-barra.

Fettillu jgħaddi mit-trieq ta' quddiem il-Kastilja. L-anqas laħaq wasal sa nofsha meta lemaħ lil Marie, lil dik li min jaf kemm il-darba qagħad jaħseb fiha u jitlef siegħat mill-mistrieħ ta' bil-lejl u li ħafna drabi telaq l-istudju biex joħroġ isib lilha, hemm ma' daqxejn ta' żinżill ta' tfajjel, magħlub għuda, b'żewġ sufiet fuq xuftejh, u b'kappell tal-feltru imxenghel.

Demm Karlu tala' f'rasu, saqajh bdew jirtogħdu, saħtu naqset, f'kelma waħda kien qiesu talpa. Għaddew geġwiġija ta' ħsebijiet minn rasu, u bil-kemm ried jemmen lilu n-nifsu.

Telaq lejn id-dar qiesu wieħed mibluħ, daħal f'kamartu u ma ried ikellem lil ħadd.

L-għada, għal xi l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, ħareġ sal-Furjana biex iderri xi ftit. Lemaħha għaddejja, imma ma xtaqx iwaqqafha għax ma riedx jati kas tagħha. F'daqqa waħda ġieh ħsieb ieħor, u ried imur jieħu tiegħu talli kienet ilha dak iż-żmien kollu tidħak bih.

Għaġġel u laħaqha. Staqsiha għala kienet bidlitu, lilu li kien hekk imġennen għal warajha, li qatt ma weġġgħalha qalbha, l-anqas bl-iċken ħaġa, u hi li ħafna drabi kienet qaltlu li ma tgħix mingħajru, li kienet ħalfitlu imħabba għal ħajjitha kollha.

Imma lil min kien qiegħed igħid: lill-ajru, lil ħajt?.... Xejn ma sewa' t-tnehid ta' Karlu, għax Marie, dik li qabel kienet tiegħu, kollha tiegħu, iddrittat ftit ruħha, għolliet kemxejn rasha, u wieġbet: " Għax ma kontx naf li għadek żgħir, tmur l-iskola ", u telqet.

Eh.... Karlu, vera tfajla tal-lum. Tiħux għaliha, ħalliha tmur mal-oħrajn. Biss basta sabet wieħed li jaqla' sold, ma ratx x'għad ikun jaqla' Karlu meta jasal il-waqt.

Imma kif inhuma mġenna biex jiżżewġu!

KRIMER (VICTOR APAP).

*(Imsemmija b'tifhir fil-Konkors tal-Poeżiji)*

# IL-BAĦAR TAL-MISTRIEĦ

Gelgul t'ilma ġieri
Kont ħlomt li q'ed nara,
Li l'hawn u l'hinn jaqbeż
Biex jilħaq lix-xmara;

Il-ħoss kien wisq ħelu,
ta' l-ilma ċar demgħa:
Stħajjiltu bħal leħen
ta' x'anġlu mis-sema.

* * *

Ftit bgħid, xmara wiesgħa
Rajt timxi t-triq tagħha,
wid-dgħajjes ta' fuqha
mexjin bil-môd magħha;

Q'ed tfittex biex tasal
F'tal-baħar ġo l-ilma,
Li l-lejla fil-qamar
Bħal fidda q'ed jilma.

* * *

U l-isfel max-xmara
Iltaqa' l-gelgul:
M'għadux aktar waħdu,
Mhux aktar magħżul.

It-tnejn jiġru l-isfel
Bla telf ta' xejn żmien,
Fil-baħar jinxteħtu
Magħquda, flimkien.

* * *

Il-baħar fi ħdanu
Lit-tnejn mar jilqagħhom.
Mistrieħ sabu, w-hena
Li fis saru tagħhom.

...Kemm tixbaħ il-ħajja
Tal-bniedem lil daw!
Mistrieħ biss fil-BAĦAR
Li FIH nittamaw.

Vesper (J. Demanuele).

# Qronfla u Sardnella

(ĦRAFA)

Darba waħda fi ġnien kbir u sabiħ Qronfla inżertat miżrugħa ħdejn Sardnella, xiħa ta' bosta snin. Il-Qronfla kibret, tellgħat il-blanzuni u nfetħet f'ward minn l-isbaħ.

Hekk kif dina lemħet lis-sardnella ħdejha, hija wkoll mimlija bil-ward, ħasset għafsa ġo qalbha, u xtaqet tagħlibha; għalhekk daret lejha u qaltilha :—

—Dan għala ġejt ħdejja ? Jaqaw biex bil-fwieħa li qegħda toħroġ minn ġo fija titaxxaq ; jew biex in-nies meta jgħaddu minn hawn u jxommuha jaħsbu li ġejja minnek u ifaħħruk ?"

Is-Sardnella għall-ewwel ħassitha ġewwa u bkiet bil-moħbi ; iżda wara ftit weġbitha :—

"Jiena ili hawnhekk bosta snin dejjem mimlija bil-ward, insebbaħ dan il-ġnien, bil-ġmiel tal-lwien tiegħi, fl-esħen tas-sajf u fl-eqqel tax-xitwa. Inti ġejt ħdejja u mhux jien ġejt ħdejk. Iżda kif nista' nara jien naf il-għala ġejt ħdejja : biex tinħeba qalb il-mijiet ta' ward u weraq tiegħi u hekk l-ebda bniedem ma jinduna bik u jiġi jaqtak u joqtlok."

Kif is-Sardnella qalet dawn il-kelmiet, għadda minn dik in-naħa tal-ġnien, raġel ; xamm riħa ta' qronfol, ħares, fittex, raha x-xitla kburija fl-aqwa tagħha u qatgħalha il-ward kollu.

L-imsejkna qronfla bkiet bil-għali u bl-uġigħ !

Il-fwieħa li ftaħret bija kienet il-ħtija ta' mewtha.

John Formosa

# ĦAJR

Mulejja, niżżik ħajr mill-ġmiel li għoġbok
Ixxerred fil-ħolqien imħabba fija :
Mill-agħsafar, mill-ward, mis-siġar ħodor
Mix-xemx li ssebbaħ kullimkien bid-dija.

Mulejja, niżżik ħajr mill-ħsieb li tajtni,
Mill-fehma tajba, biex inħobb is-Sewwa;
Mill-kelma mżewqa li minn fommi toħroġ
U tfisser qalbi kif inħossha ġewwa.

Iżda fuq kollox niżżik ħajr, Mulejja,
Mill-Imħabba li tajtni safja w bnina;
Għax l-isbaħ dija li l-ħolqien iżżejjen
Hi din l-Imħabba li sawwart ġe' fina.

15—5—31 Dun Karm.

# FUQ IT-TIFWIR TAX-XMAJJAR FIĊ-ĊINA

(BALLATA)

Ja siġra mitbiela? bit-tgħajn kollha mtabba',
Fik bejta biss tidher, bl-arja, imħollija;
Intemm dak il-għana t'għasafar jittajru,
Ta' nisa li jinsġu taħt dellek fl-għaxija!

"Għaliex xmara kiefra bdejt tgerger bil-wisa'?
Li tak sa mill-ewwel biex tiġri l-Ħallieq?
Għarraqthom lid-djar hekk mistura w'daħkana?
Għidilna ja siġra: "naf minnek mixtieq."

"Jaqaw sabiex tara jekk tader din qalbi,
Din qalbi fejn skennet dik l-omm tqatta' xharha,
U tħares imwerċa lejn sema bla ħniena,
Lejn l-ilma l'ipetpet bla tarf hemm madwarha?

"Talbuha biex jeklu lè kellha x'tatihom,
Biss ilma li jgħammex u jaħraq bit-tajn;
It-tfal kollha mietu bil-ġuħ hemm quddiemha,
W'hi baqgħet bla biki, bla demgħa fil-għajn.

"Ja xmara bla ħniena x'għamilt int b'ġisimhom,
Xħin kollha fik waqgħu minn fuqi xebgħana?
Għaliex lè ħallejthom jistrieħu għal dejjem
Fejn twieldu, fejn għaxu għal ħajja rebagħna?

Ja xmara bla ħniena, x'ħallejtni hawn nagħmel,
Waħdiena, mitbiela, bla għana, bla rix,
La darba għarraqtu lil raħal minn tiegħi,
U dagħbu dawk niesu bl-għajjat u tkexkix?

"Ma stajtx qatt tintebaħ, ja kelba bla xabgħa,
Li niesi miġuħa jinsabu bla flus?
Kif huma mitlufa għad-deheb fit-taqtiegħa
Ma tgħinhom lè waħda fid-dinja mill-ġnus?

"Ja xmara kif int tista' tibqa' mifruxa;
Għalfejn terġa' tikxef lir-rħula wil-bliet?
X'hemm sbejjaħ fil-ħerba, fl-għerienêq jittajru
Fuq l-iġsma mikxufa bl-għajjat u bil-ġlied?"

A. Buttigieg.

11/10/31.

# "LAQGĦA TA' QALBI"

1. Bil-qegħda fuq għolja
Ninsab kont waħdieni;
Il-lejl kien għattieni
bli star tad-dlam.

2. Is-sema, kien, fl-għoli
bla tebgħa, kaħlani
U b'wiċċu daħqani
jgħatti kien l-art.

3. Il-kwiekeb fuqana
Bdew jarmu dijjithom
U kien bi ħlewwithom
Mimli il-ħoqien.

4. Il-Qamar mill-għoli
Kien ħelu jittawwal
Id-djar kien idawwal
B'dawl ftit maħnuq.

5. Imbagħad fewġa bnina
Qajl qajl resqet lejja:
Ġiet tbusli ħaddejja
B'bews illi jħoll.

6. Il-ħura li kienet
Madwari bdiet tfewwaħ,
Issebbaħ l-irwejjaħ
F'dawk in-naħiet.

7. Ftit tul il-bogħod minni
Fin-nagħsa kien qiegħed
Il-baħar li jrigħed
Kif qilltu jħoll.

8. Bħal fidda bdiet tilma
Dik l-art li titriegħed
Dik l-art li titniegħed
Iġġagħal lil qlub.

9. Inżdiedet il-ħlewwa
Tal-art u tas-sema
Xħin għana instema'
Jidwi fil-bogħod

10. Kien għana ta' Sabi,
Ta' ruħ imbikkija,
Ta' ruħ imgħobbija
Bi qsim il-qalb.

11. Hemm b'kisra li tqanqal,
U b'leħen li jweġġa'
Li jolqot bħal vleġġa
Li jġib id-dmugħ.

12. Tal-għaja kitarra
Kien hu l-kordi jriegħed,
U magħhom jitniegħed
Għax waħdu hemm kien

13. "Għaliex f'din il-lejla
B'kull ħlewwa mogħnija
B'kull fwieħa mimlija
Tal-għona ħolqien,

14. Għaliex, f'dis-sbuħija
F'dan il-hena wil-ħlewwa
Li ħoloq is-sewwa
Waħdi qêd jien?

15. Għalkemm dan il-hena
Tal-art u tal-baħar
Tal-kwiekeb u l-qamar
Tagħni l-Ħallieq,

16. La mbegħda għandi l-qalbi
La ma tinsabx miegħi;
Bħal siġra bla friegħi
Xejn m'għandi jien."

17. Xejn aktar mill-għana
Tas-sabi waħdieni
Fuq l-ilma kaħlieni
Jiena ma smajt;

18. Għaliex l-għajta tiegħu
Ġo qalbi laqtitni,
Fil-waqt li nebbħitni
Kif ninsab jien.

19. Għannietu bid-dieqa
U b'niket imlietni,
U għal ħafna ħallietni
Nagħsar fid-dmugħ.

KARM. VELLA.

# ANTOLOGIJA

## Il-Mewt u x-Xħiħ

—Intix lest, o sur Franġisku?
Ġejtek jien...kontx toħlom bija?
—Merħba bik...skużi...ħu siġġu...
Ma min int, sinjura mia?
—Jen il-Mewt.
—Il-Mewt! il-Mewt!!
Tiġi fuqi hekk...lewt lewt!!!...
Ma dârix tilbes hekk inti
Meta tiġi għall-bnedmin.
—Jiena nilbes kif jidhirli,
Ma nfittixx il-*Figurin.*
—Se'r toħodni?
—Għalhekk ġejt,
Sur Franġisku...spiċċa ż-żejt.
Ma ġejtekx sabiex nitħaddet
Fuq it-terz u fuq il-kwart.
—Ma...toħodni kiesaħ kiesaħ,
Bl-ebda gwaj u bl-ebda mart?
—Narġa ngħidlek, spiċċa ż-żejt...
M'intix tħoss di ġa xi ħaġa?
—Q'ed inħoss bħal kieku mejt.
—Issa stenna tħoss il-bqija.
—X'ġej, x'ġej fuqi?
—Puplesija
—Uh, kif kex...kif kex...kif kex...
Kix ni...kix ni,...daka...kliemek!...
—Ta Dirwan u ta Bompex
Dawk id-dobli li quddiemek?
—Ħudhom kol-lha... kol-lha...kol-lha...
U ħal-lini...
—Nini, nini!
X'nagħmel bihom?...jen sinjura...
Għax ma tajtx imn'issa lura
Lill-fqajrin, li kollha ħniena
Jitolbuk kienu bid-dmugħ,
Biex igħattu l-għera tagħhom,
Biex jirtefgħu ftit mill-ġuħ?

Għidli wkoll, o sur Franġisku,
Il-għaliex xi qraba tiegħek,
Nies tal-galbu, ma fqajrin,
Ma kinux igħixu miegħek?
Qatt ma tajthom biss karlin?

U ħaġ'oħra, sur Enn Enne...
Għaliex qatt ma kilt sa xbajt?
Għax ma mortx iddur xi bliet?
X'ħadt mid-dinja, l-ibleħ? x'rajt?

Gawdu 'ssa neputijiet!...
Għandek tlieta, patrun tiegħi,
Diskli t-tlieta, Alla jberikhom!
Biss għalihom tajba ġiet.

Ixxalaw bil-flus taz-ziju,
Ixxalaw neputijiet!
—Ħalli nagħmel it-ta-stment...
Kelm-tejn...hekk...
—L-anqas nofs waħda,
Xejn! ma fadal ħlief mument...
U x'mument? nifs wieħed baqa'...
Taqtax qalbek, sur Franġisku...

—Ah...Eh...Ih...*trrrdubup...*

..................................................

—Mar sabiħ, ta' raġel waqa',
Bil-vokali u l-konsonanti.
Jien tfajthielu fulminanti,
Għax ma' dawna ma tridx ħniena
Xi piaċir li nieħu jiena
Meta neqred wieħed xħiħ!

(Ma hemmx bżonn li nispiegalkom
F'liema lok immur niddih).
Jiena biss, il-Mewt, fid-dinja,
Il-boros tax-xħaħ inħoll...
U li kont nikkmanda jiena,
Kont neqridhom, f'daqqa, il-koll.

Dr. Gio. Antonio Vassallo
(*Professur l-Università*)

# IL-ĦAMES LAQGĦA
## ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)

Il-ħames laqgħa ta' l-Għaqda tagħna, li saret taħt it-triġija tal-President il-ġdid u li għaliha kien mistieden Mons. Psaila, il-

Poëta Malti, il-Prof. P.P. Saydon għamel diskors mill-isbaħ li ġibna f'naħ'oħra ta' dan il-ktejjeb.

Barra dan, is-sur J. Formosa qara ħrafa tiegħu *"Qronfla u Sardinella"* u poëżija *"Lil Ommi"*

Is-sur J. Aquilina qara *"Lejliet il-Milied"*

Is-sur A. Buttigieg qara żewġ poeżijiet *"Fuq it-tifwir tax-xmajjar fiċ-Ċina"* u *"Lill-Qamar"*

Is-sur Ċ. Vella qara poeżija *"Laqgħa ta' Qalbi"*

Mons. Dun Karm Psaila qara żewġt ifrak poeżija li ġibna f'dan il-għadd u ħabbar li qiegħed jaqleb għall-Malti *"I Sepolcri"* ta' Ugo Foscolo.

# TAGĦRIF

David Stejfen (Emanuel M. Pace, Bormla) li ħa t-tielet premju tal-konkors tal-poeżija li tiegħu konna ġibna r-riżultat fl-aħħar għadd li ħareġ qabel dan, bagħat igħarraffna li fl-istampa tal-poeżija tiegħu ħadna xi żbalji rqaq, ma nsemmux ħlief wieħed li aħna nixtieqi nsewwu u nitolbu maħfra għaliex fl-istrofa 12,

minflok: L-ikbar setgħa, l-ikbar qawwa,
Int turihom....

kellu jiġi: L-ikbar setgħa, ħelwa Mirjam,
Int turiha....

Nittamaw li issa kollox sewwa.

—Xi wħud ta' sikwit jibgħatu jistaqsuna kif inhuma l-finanzi ta' Leħen il Malti. Jisgħobina ngħidu li huma ħażin ħafna. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jgħidu li jħobbu l-ilsien Malti, wara li għal taparsi ntilfu bil-ferħ għar-rebħa li kien għamel l-ilsien Malti li beda jinkiteb fi ktejjeb maħruġ minn studenti tal-Università u minn Professjonisti, issa jarawha bi tqila jdaħħlu idhom f'buthom jonfqu sold biex igħinuna. Oħrajn ma jridux jixtru iżjed Leħen il-Malti għax ma joħroġx dejjem fl-aħħar tax-xahar. Jiftakru dawn ix-x'uħud li l-istompaturi mhux dejjem jaqduna kif irridu aħna u li l-kittieba tiegħu jridu jistudjaw u li d-Direttur għandu xogħlu x'jaqdi wkoll. Mhux billi jgħidu li r-Rivisti ta' barra joħorġu dejjem fi żmienhom, jiftakru li l-kittieba u d-Diretturi tar-Rivisti ta' barra huma mħallsa għal ta' l-apposta.

Hemm bzonn li fil-biċċa xogħol li aħna għandna, ma nsibux min ifittxilna l-irqaqat biexjikkritikana imma jgħinha bil-propaganda u bil-flus.

Biex Leħen il-Malti jkompli joħroġ hemm bżonn ta' sostenituri iżjed, jiġifieri ta' nies li jtuna tant fix-xahar ħalli npattu għat-telf li jista' jkollna.

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.